

# IL-MISSJUNARJU

**NEWSPAPER POST** | Ħarġa Nru: 120 | Diċembru 2017 - Frar 2018

MISSION FUND

# LEJL TA' GLORJA U TA' FERĦ

## (Siltiet mir-riflessjoni tal-Papa Franġisku)

Hekk jiddeskrivi l-Papa Franġisku il-lejl tal-Milied: glorja mħabbra mill-anġli f'Betlehem u ferħ għax minn issa 'l quddiem u għal dejjem, Alla infinit u etern hu Alla magħna. Huwa mhux il-bogħod. M'hemmx għalfejn infittxuh fis-smewwiet għax Hu jinsab fostna. B'dan il-mod aħna għandna niċċelebraw il-Milied.

Ġesù ma ġiex f'palazzi imma fil-faqar tal-maxtura, f'ħajja sempliċi u fl-umiltà. Għalhekk hemm bżonn li aħna numiljaw ruħna u niċċekknu. Huwa qed isejjħilna sabiex inħallu warajna l-illużjonijiet tal-ħajja u nirrikorru għal dak li hu essenzjal, biex nirrinunzjaw ix-xenqiet li ma jaqtgħux l-għatx u biex nabbandunaw ix-xewqat tagħna għal affarijiet li ma jistax ikollna. B'hekk biss nistgħu niskopru s-sempliċità, il-paċi u l-ferħ f'qalbna.

> ***Ma nħallux li l-entużjażmu tar-rigali jnissel indifferenza f'qalbna lejn il-karba tal-proxxmu tagħna fil-bżonn.***

Fid-dinja tal-lum aħna għandna ħafna sfidi quddiemna. Sfida minn dawk il-ħafna tfal li huma nieqsa mill-imħabba tal-ġenituri tagħhom, tfal li jkollhom jgħixu taħt l-art biex jipproteġu lilhom infushom mill-bombi qerrieda tal-gwerer, dawk li jgħixu barra fuq il-bankini ta' bliet kbar għax m'għandhomx saqaf fuq rashom, dawk li jissograw ħajjithom f'dgħajjes mgħobbija b'immigranti biex jippruvaw isibu ħajja aħjar, trabi li ma jitħallewx jitwieldu minn ommhom stess, tfal li jibku għax m'għandhomx min itaffilhom il-ġuħ, tfal li f'idejhom flok ġugarelli għandhom armi. Kif sa nwieġbu għal dawn l-isfidi?

Ejjew ma nħallux li l-kummerċjalizżu joħnoq il-messaġġ veru li qed jipprova jwasslilna Ġesù Tarbija. Ma nħallux li d-dwal tal-vetrini tal-ħwienet jieħu post id-Dawl tal-Milied. Ma nħallux li l-entużjażmu tar-rigali jnissel indifferenza f'qalbna lejn il-karba tal-proxxmu tagħna fil-bżonn. Ejjew nidħlu fl-ispirtu veru tal-Milied ħalli nduqu t-tjubija tal-imħabba t'Alla li bagħat lil Ibnu l-waħdieni sabiex kull min jemmen fiH ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Il-Milied ħieni lil kulħadd.



**MISSION FUND**: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
*Ħinijiet tal-ftuħ*: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. - 1.00 p.m.
**E-mail**: missionfund@global.net.mt
**Website**: www.missionfund.org.mt
**Facebook**: https://www.facebook.com/global.net.mt/
**Reg No: VO/0015**

# ĦIDMA MISSJUNARJA FIL-BRAŻIL

Iż-żerriegħa tas-sejħa missjunarja kienet ġiet miżrugħa minn Alla fil-familja tiegħi, fejn ksibt edukazzjoni nisranija u vokazzjonali. Meta kont għadni tfajla sirt naf lis-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li kellhom dar f'raħal twelidi, is-Siġġiewi. Kienu jorganizzaw laqgħat, passiġġati, tijatrini u kant. Kont nieħu sehem f'kollox għax kollox kien jogħġobni. Bil-preżenza ta' dawn is-sorijiet fost iż-żgħażagħ, nibtet fija x-xewqa li nidħol fil-ħajja reliġjuża. Hekk, fit-3 ta' Frar 1962, meta kelli biss 17-il sena ġejt aċċettata mis-sorijiet Franġiskani fil-Casa Madre ta' Għawdex, fejn matul 3 snin irċevejt formazzjoni spiritwali adattata għall-ħajja reliġjuża. Ġejt imħejjija biex inħaddan il-voti tal-faqar, karità u ubbidjenza f'għotja sħiħa lil Alla u lil aħwa. Bħal ħija Dun Pawl, patri Ġiżwita missjunarju fl-Indja, dejjem ħassejt fija l-ħajra missjunarja.

Wara sentejn novizzjat, Ġesù tani l-grazzja li nsir missjunarja. Il-Madre Ġenerali, Luisa Busuttil, li kienet tinsab fil-Kommunità tagħna tal-Furjana, ċemplitli biex tgħarrafni li kont ġejt magħżula biex immur missjunarja fil-Brażil. Tagħtni ferħa kbira u ġrejt lejn il-kappella biex inrodd ħajr lil Alla talli għoġbu jsejjaħli. Fl-10 ta' Ġunju tal-1965, ħallejt lil għażiża familja u lil Malta, art twelidi, biex tlaqt lejn il-Brażil. Ma kontx waħdi f'dak il-vjaġġ twil għax miegħi kien hemm ukoll Madre Edmea u ċertu Dun Karm Mifsud miż-Żejtun li kien sejjer ukoll lejn il-Brażil bħala missjunarju. Minn Rio de Janeiro as Rolândia kellna vjaġġ twil mhux ħażin. Wasalna fil-Kulleġġ Santo Antonio fil-belt ta' Rolândia fit-12 ta' Ġunju, fejn is-sorijiet kienu jistennewna. Kien mument ta' ferħ kbir! Jiena kont qed nistenna li nsib xi qagħda tixbaħ lil Afrika, kif konna naraw fir-rivisti missjunarji ta' dak iż-żmien. Is-superjura tad-dar, Madre Dorothea, u sħabi s-sorijiet tawni għajnuna kbira biex nidra malajr għax sibt ruħi f'post bil-wisq differenti minn Malta. Biex naħdem fil-missjoni bħala għalliema kien meħtieġ li nidħol fl-istil kulturali u soċjali tan-nies tal-post. L-akbar sfida kienet il-mentalità u l-ilsien tal-pajjiż, iżda bil- għajnuna t'Alla, ta' sħabi s-sorijiet u tan-nies tal-post irnexxieli naddatta ruħi għall-ambjent il-ġdid u l-missjoni li kelli nwettaq.

*L-akbar sfida kienet il-mentalità u l-ilsien tal-pajjiż*

Għaddejt minn stati u bliet differenti, fejn stagħnejt fil-karattru ta' ħajti permezz tal-ħbiberija u esperjenzi ġodda li kabbruni hekk kif intfajt għax-xogħol mat-tfal, żgħażagħ, adulti, familji u morda. Bdejt f'Rolândia, fejn





għixt bosta snin. Kelli kuntatt qawwi mal-edukazzjoni, mal-pastorali u mal-kant liturġiku. F'São Martinho ħdimt ukoll ġewwa skola u fil-pastorali. L-istess ħaġa fil-belt ta' Jaguapitâ għal darbtejn. Fil-belt ta' Umuarama kelli esperjenza mat-tfal orfni u neqsin minn kollox, fejn ġejt wiċċ imb'wiċċ mal-qagħda ta' bosta familji mfarrka. Anki fil-belt ta' Presidente Prudente fl-istat ta' São Paulo kelli ngħix ġewwa orfanatrofju ta' tfal sajmin mill-imħabba tal-istess ġenituri. Anki fil-belt ta' Curitiba, il-kapitali tal-istat tal-Paranà, sibt ambjent sabiħ, fejn stagħnejt spiritwalment għax kien għalija żmien fejn ilħaqt orizzonti ġodda.

Issa ninsab, għat-tieni darba, fil-belt kbira ta' São Paulo. Hienja għax permezz tax-xhieda ta' ħajti bħala reliġjuża Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, nista' nkompli ngħin lill-foqra f'kull ma hu spiritwali u materjali.

Matul dawn is-snin iltqajt ukoll ma' diffikultajiet li jagħmlu parti mill-ħajja ta' kuljum. Iżda t-turija ta' rispett u appoġġ li dejjem sibt mingħand sħabi reliġjużi u lajċi irnexxieli negħleb id-diffikultajiet kollha. Hekk stajt nissokta nkompli l-mixja tiegħi bil-kuraġġ, bl-imħabba, bil-maħfra, bit-tama, bil-ftehim u bil-fidi f'Alla. Permezz tal-ħajja li għext fis-semplicità ta' Franġiskana ġew mirbuħa l-ħotob kollha ta' triqati. Qabel dħalt fil-ħajja reliġjuża kien laqatni ħafna l-ktieb li jismu "Tini l-ilma", karba li kienet wasslet lil Mulej biex jitlob ftit ilma lis-Samaritana ħdejn il-bir ta' Ġakobb. Profondament milquta minn dan l-"għatx" ta' Ġesù għall-bnedmin ġenerużi biex inkun nista' ntaffihulu, jien weġibt b'imħabba sħiħa billi kkonsagrajt ħajti bħala Franġiskana u missjunarja.

***Kelli esperjenza mat-tfal orfni u neqsin minn kollox, fejn ġejt wiċċ imb'wiċċ mal-qagħda ta' bosta familji mfarrka***

Niżżi ħajr lil Alla tas-sejħa reliġjuża u ta' tant grazzji li sawwab fuqi ħalli nkun nista ntenni l-"iva" sal-aħħar u nġedded l-għaqda fi Kristu mal-Knisja. Nitlob lil Marija, Ommna Aparecida, biex taqlagħli mingħand Binha l-grazzja li nkompli soda sa tmiem ħajti. Ħajr ukoll lis-Superjuri u ħuti s-sorijiet li dejjem tawni l-appoġġ biex inkompli nikber spiritwalment u kulturalment fil-Brażil. Lis-sorijiet imwieldin f'din l-art imbierka li għixu miegħi u llum jinsabu fil-ġenna, t-talba ħerqana tiegħi għall-mistrieħ ta' dejjem. GRAZZI!

U lil għeżież ħuti s-sorijiet, li għadhom sħaħ fil-ħidma: KURAĠĠ! Ġesù, l-Knisja u l-poplu t'Alla għandhom bżonn nies ġenerużi u qalbiena biex jagħmlu d-differenza. AMMEN! SLIEM U ĠID

***Sr Teodoreta Aquilina***

# ATTIVITAJIET

## Christmas Lunch

fil-Paradise Hotel
iċ-Ċirkewwa
Il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017
11.00 am Quddies
12.30 pm Ikla Buffet

**Prezz:**
**€ 25 (kbar)**
**€ 12 (tfal bejn 8 u 11-il sena)**

### Menu

- Selezzjoni ta' Antipasti
- Soppa tal-ġurnata
- Macaroni u Tortellini
- Aċċola u Dentiċi
- Roast Turkey u Grilled beef
- Ross, Patata u Ħaxix
- Selezzjoni ta' Deżerta li tinkludi Christmas Pudding u Mince Pies
- Inbid, soft drink u ilma kollha 'free flowing'

## BUFFET BREAKFAST F'SAN ANTONIO HOTEL IL-QAWRA

**Il-Ħamis 28 ta' Settembru 2017**
**u l-Ħamis 2 ta' Novembru 2017**

**9.15 Quddiesa animata**
**10.15 Buffet Breakfast**
**11.15 Tombola**



**Prezz: € 12**

Trasport għal dawn l-attivitajiet provdut għal prezz ta' €5 addizzjonali
Biex tirriservaw post ċemplu l-uffiċċju fuq 21413664 jew lis-sur Charles Decelis 21575351 / 99885078

Il-Kumitat tal-Mission Fund jixtieq lill-benefatturi kollha u l-familjari tagħhom il-Milied it-tajjeb mimli risq, hena u paċi.



aqta` hawn

Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lill-maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lill-foqra fl-artijiet tal-missjoni. Għalhekk inħeġġukhom biex tagħtu rigal lil dawn ħutna biex b'hekk tnaqqsulhom ftit mit-tbatija li qed isofru. Il-Mulej iħallaskom b'mitt darba aktar dak kollu li tagħmlu ma' ħutna fil-bżonn. GRAZZI.

Jien qed nibgħat € ___________ bħala rigal tal-Milied lil ħutna anqas ixxurtjati. Id-donazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ċekk jew money order pagabbli lil Mission Fund.

ISEM U KUNJOM: ........................................

INDIRIZZ: ........................................

........................ KODIĊI POSTALI: ........................ TEL/MOB: ........................